*Ejjew naghtu ġieħ lil Xmun Pietru,*
*Ilkoll, bl-akbar ferħ, kull tifħir,*
*Kburin bil-patrun, maħbub tagħna,*
*Magħdud minn kulħadd b'qaddis kbir.*

# Żmien ta' bejn il-gwerer u l-ewwel airshow f'Ħal Far

*Minn Amanda Bonnici B.A. Hons P.G.C.E History*

It-tmiem tal-ewwel Gwerra Dinija fis-sena 1919 ġabet tnaqqis f'Kalafrana. Is-*seaplane carriers* irritornaw lejn l-Ingilterra u ħallew biss HMS Engadine fil-Mediterran. L-*isquadron* 268 ġiet żarmata f' Ottubru ta-1919 imma N° 267 baqgħet sa Awwissu 1923. Għalkemm l-FAA saret uffiċjalment parti mill-RAF fl-1924, u fiż- żmien bejn iż-żewġ gwerer diniji ngħatat ftit importanza lill-bżonnijiet speċjail tal-avjazzjoni.Fl-1920 HMS Ark Royal ħalliet HMS Engadine għal perjodu qasir kif ukoll l-HMS Pegasus, li kien qed jaħdem fil-Baltiku, irritornaw Malta għar-rebbiegħa u xhur tas-sajf, iżda ftit sar titjir f'dik is-sena u dik ta' warajha.



*Il-mitjar ta' Hal Far*

Fil-ħarifa tal-1922, meta l-kwistjoni ta' Dardanell kienet fl-aqwa tagħha, il-*carriers* HMS Argus and Ark Royal ingħaqdu ma' Pegasus. Argus kien jaħdem bl-isteam filwaqt li kienet għada għaddejja fuqu l-kostruzzjoni tal-mitjar mill-pruwa sal-pompa, infatti kien l-ewwel vapur fid-dinja li saritlu disinjatura ta' *aircraft carrier* kif nafhuwhom lum. Il-proġett għal aktar operazzjonijiet bil-*carrier* fil- Mediterran ħolqot il-bżonn għal mitjar permanenti fuq Malta. Għalhekk fi-16 ta' Jannar 1923 l-ewwel aerodrome fuq il-gżira nfetaħ f'Ħal Far. Kien fetħa fuq il-ħaxix tħares lejn Kalafrana,u kienet ġiet mibnija triq li tgħaqqad flimkien dawn iż-żewġ postijiet ta' importanza daqshekk kbira għall-Ingliżi u difiża tal-Gżejjer Maltin. L-inawgurazjoni saret mill-Gvernatur Commander-in-Chief, Lord Plumer, fil-preżenza tal-Prim Ministru u l-Ministri tal-Assemblea Leġislattiva, li kienu wkoll assistew għal demostrazzjoni qasira ta' titjira mill-*aircraft* minn Kalafrana.



*HMS Argus*

Dan kien wisq probabbli l-ewwel *airshow* organizzat fuq il-gżira u kien l-ewwel eżempju ta' appuntament annwali li kien baqa' jsir ta' kull sena f'Ħal Far, minbarra fi snin ta' matul il-gwerra, sakemm il-mitjar ġie mogħti lil RAF fl-1965.

Hal-Far Airfield Luqa Airport Marsa Field, 2011 Aviation in Malta, Sunday, July 03, 2011
http://www.aviationinmalta.com/AirfieldsAirlines/HalFarAirfield/tabid/320/Default.aspx